MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-2 ta' Jannar, 2012

Numru 1195/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR SARAH MAGRI**
**VS**
**ISSE DARAJ MAJDI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Isse Daraj Majdi, ta’ 28 sena iben Daraj u Maria Majdi, mwieled is-Sudan nhar il-11 ta’ Novembru 1982 u residenti gewwa Flat 12, Triq Emanuel Gallizia, Paola Flats, Ta’Xbiex, u detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 49207(A),

Akkuzat :

1. Nhar il-11 ta’Ottubru 2011 ghall-habta ta’ l-erbgha u nofs ta’ filghaxija gewwa l-hanut Carbotti fi Triq Tigne, Sliema bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor u cioe lil

Pamela Mc Kay, biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha;

2. U nakkuzah talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li jsir f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku;

3. U nakkuzah talli fl-istess data hin, u x'imkien fl-inhawi ta'Triq Tigne armejt, tfajt, hallejt jew xort' ohra qtar jew depozitu exkrita (urina) f'post pubbliku, triq, bahar jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access;

Il- Qorti giet mitluba illi tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Pamela Mc Kay, kif ukoll ordni ta' trattament fil-konfront ta' Isse Daraj Majdi u dan skond kif hemm mahsub fl-Artikoli 412 (c) u 412 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe mix-xhieda ta' l-Ispettur Sarah Magri, jirrizulta illi l-ghassa ta' tas-Sliema rceviet rapport illi persuna ta' karnaggjon skur kienet qedgha tesponi il-genitalia taghha fil-prezenza ta' mara. Il-Pulizija accedew fuq il-post u kellmu lill vittma Pamela Mc Kay. Mc Kay infurmat il-Pulizija illi hija kienet qedgha tpejjep sigaret barra mil-hanut taghha, meta dahhlet din il-persuna u ghaldaqstant dahlet warajha. Din il-persuna bdiet tistaqsi diversi domandi fuq uhud mill-*handbags* li kien hemm ghall- bejgh fil-hanut. Din il-persuna harget u is-*salesgirl*, cioe, Mc Kay, bdiet tqieghed il-*handbags* lura f'posthom, f'mument minnhom dan ir-ragel rega'dahal warajha, espona l-partijiet privati tieghu u beda jimmasturba waqt li beda jghid kliem indicenti. Mc Kay

bdiet tghajjat ghal-ghajjut u sid il-hanut adjacenti, Charles Palmier, canfar lill dan ir-ragel li hareg il-barra mill-hanut .

Fit-tieni okkazzjoni u cioe fil-25 t'Ottubru 2011, l-ghassa ta' tas-Sliema giet infurmata illi l-imputat kien qieghed jigi ditenut minn sidien tal-hwienet. Dan ghaliex l-istess ragel kien rega' pprova jittanta lill Mc Kay izda din harget tigri mill-hanut taghha. Fil-fatt is-sidien tal-hwienet fil-vicinanzi irnexxilhom jrazznu lill dan ir-ragel u cemplu lill-Pulizija.

Spettur Sarah Magri xehdet illi wara l-imputat gie mgharraf bid-drittijiet tieghu, inkluz id-dritt ta' konsultazzjoni legali, huwa irilaxxa stqarrija DOK SM4 illi fiha huwa qal illi dahal f'dan il-hanut sabiex jixtri *suit* ta' l-irgiel, li ma kien ghamel xejn. Illi ftit wara kien hareg mill-hanut u mar jaghmel awrina faccata tal-hanut. Kien f'dan il-mument li is-*salesgirl* kienet qaltlu li kienet ha cempel lill-Pulizija. Huwa innega li rega' dahal f'dan il-hanut. L-imputat stqarr li meta gie mrazzan mill-irgiel, hu kien qalgha daqqa minn wiehed mill-irgiel.

Pamela Mc Kay ikkonfermat ix-xhieda ta l-Ispettur Sarah Magri, cioe kif dahal l-imputat fil-hanut fejn tahdem u cioe, *Carbotti Tigne Street Sliema*; kif dahal wara l-*counter* u beda jistaqsi diversi dettalji dwar il-*handbags* tan-nisa; kif hi baqghat fejn l-ghatba tal-hanut; kif wara xi hin l- imputat hareg il-barra; kif dahhlet fil-hanut biex tippostja il-*handbags*; kif l-imputat dahal warajha, espona ruhu, u beda jimmasturba u beda jghidilha il-kliem: “you like it, you like it,”; kif hija qabdet il-*mobile phone* sabiex iccempel lill-Pulizija; u kif Charles Palmier gie biex jaghtiha s-sokkors.

Wara xi gimghatejn l-imputat rega' dahal fil-hanut taghha u Mc Kay harget tigri l-barra mill-hanut u marret fil-hanut ta' Charles Palmier li min naha tieghu, segwa lil-imputat sa Bisazza Street. Mc Kay xhedet illi hija cemplet lill-sid il-hanut sabiex icempel lil Pulizija, u ftit wara rat lil imputat skortat mill-Pulizija.

Charles Palmier ikkonferma ix-xhieda ta' Mc Kay.

PS 1354 Claudio Coppola, ikkonferma ir-rapport ta' Pamela Mc Kay tal-11 t' Ottubru 2011, u ezebixxa l-okkorrenza tieghu DOK PS.

PS 11 Daniel Zammit ikkonferma illi kien dahal rapport mil-*control room* u sab lill-Johanne Said qieghed jiddeteni lill-imputat fi Triq Bisazza tas-Sliema. PS 11 ikkonferma li l-imputat kellu ftit demm fuq il-qmis, bhal meta persuna tinfarag.

Spettur Magri ezebit DOK SMX, ir-rifjut tal-parir legali.

PC 5 Luke Busuttil ikkonferma l-istqarrija ta' l-imputat, u ir-rifjut tal-parir legali, da parti ta' l-istess.

Johanne Said ikkonferma ix-xhieda ta' Mc Kay u Charles Palmier u kif iddetena lill-imputat fil-25 t'Ottubru 2011.

L-imputat xhed illi fil-11 t'Ottubru 2011, kien mar tas-Sliema sabiex jitri gakketta, illi waqt li kien fit-triq huwa ghamel awrina, mbaghad qasam it-triq u dahal go hanut, izda sab li dan il-hanut kien ibiegh hwejjeg tan-nisa. Is-*salesgirl* qaltlu biex johrog mill-hanut altrimenti iccempel lill-Pulizija.

Illi fill-25 t'Ottubru 2011, huwa kien ghaddej fl-istess triq, u *salesgirl* qaltlu il-kliem "Inti l-ahhar darba li ghamilt pipi hawn ghax ha ncempel lill-Pulizija u nghidilhom illi kien qieghed tesponi il-partijiet privati tieghek."

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda li ngabet a konjizzjoni ta' din il-Qorti, jirrizulta pprovat li l'hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni, illi ll-imputat fir-realta', esponа il-genetalia tieghu fil-hanut Carbotti Tigne Street Sliema fil-prezenza tal-kwerelanti Pamela Mc Kay fid-data citata fl-akkuza. Dan qieghed jinghad mhux biss ghaliex ix-xhieda ta' Pamela Mc Kay , Charles Palmier u Johanne Said taw testimonjanza impellanti, xhieda illi ghandha mis-sewwa u li hija verosimili u dan ai termini l-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghal-kuntrarju ta’ dan, ix-xhieda ta’l imputat mhiex kredibbli u dana stante li l-imputat kien inkonsistenti ghall-ahhar kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll fix-xhieda illi ta’ quddiem din il-Qorti. Dan qieghed jinghad ghaliex waqt l-imputat jghid illi ried jixtri *suit* ta’ l-irgiel, huwa dahal f’hanut illi ibiegh biss *handbags* tan-nisa. Minkejja illi ipprova jinnega l-eghmil tieghu fil-konfront ta’ din it-tfajla Pamela Mc Kay, din il-Qorti taghraf ili l-istess Mc Kay tat rakkont vividu ta’ dak kollu li gara’ u kienet taht xokk, u biza’ kbira anki waqt li kienet qedgha taghti ix-xhieda taghha quddiem il-Qorti. Dan kollu gie affermat mix-xhieda indipendenti ta’ Charles Palmier.

Illi l-agir ta’ l-imputat, bl-esponar tal-genitalia tieghu lill Mc Kay, u bil-kliem li indirizza lejha, liema kliem huwa rifless fl-okkorrenza tal-Pulizija a tempo vergine, certament jaqghu fil-parametri tar-reati mahsuba taht l-Artikoli 209 u 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta. Din il-Qorti pero ma tarax li l-prosekuzzjoni ipprovat it-tielet akkuza stante illi ebda xhud tal-prosekuzzjoni ma afferma li l-imputat ghadda l-awrina fil-pubbliku, u dan jinghad biss mil-imputat biex b’xi mod jigi skuzat mill-eghmil reprensiv tieghu.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti issib l-imputat hati ta’ l-ewwel zewg akkuzi, mhux hati tat-tielet akkuza li minnha tilliberah, u wara li rat l-Artikoli 209, 251 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundannah ghall-erba’ xhur prigunerija li minnha irid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta f’arrest preventiv.

Din il-piena qedgha tigi akkodata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ic-cirkustanzi kollha tal-kaz u l-eta ta’ l-imputat u l-fedina penali tieghu .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------